



Qafas ta' Salvagwardja tal-Pjattaforma għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal

Il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal hija post sikur għat-tfal tal-UE biex jaqsmu dak li jaħsbu dwar kwistjonijiet importanti li jaffettwaw ħajjithom ma' dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet. Il-Pjattaforma nħolqot f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u hija mmexxija mit-Tim tas-Segretarjat.

Is-Segretarjat jinkludi persuni mill-kumpanija ICF, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal "Save the Children" u "SOS Children's Villages", il-kumpanija RPA, u l-esperti – Laura Lundy u Cath Larkins. Meta ngħidu "aħna" f'dan id-dokument – dan ifisser is-Segretarjat.

GĦALIEX HUWA IMPORTANTI LI JKUN HEMM QAFAS TA' SALVAGWARDJA?

Meta t-tfal fil-Pjattaforma jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom jew jingħaqdu mal-attivitajiet, irridu nkunu ċerti li jgawdu l-attivitajiet u li jkunu sikuri. Jistgħu jinqalgħu problemi bħal bullying, imġiba aggressiva jew sitwazzjonijiet riskjużi. F'każijiet bħal dawn il-Qafas ta' Salvagwardja tagħna jintervjeni, u jservi ta' gwida biex niżguraw ambjent sikur, pożittiv u inklużiv għal kulħadd, speċjalment għat-tfal, matul l-attivitajiet tal-Pjattaforma.

IL-WEGĦDA TAGĦNA

Il-wegħda tagħna hija li noħolqu spazju sigur u pjaċevoli matul l-attivitajiet kollha tagħna (online u wiċċ imb wiċċ).

Is-sikurezza qabel kollox

Aħna nwiegħdu li nżommu dan il-post sikur għal kulħadd, filwaqt li niżguraw li jkun spazju sigur u inklużiv.

Naħsbu minn qabel

Mill-bidu nett, qed nippjanaw li nżommu lil kulħadd sikur u komdu. Għal kull għażla u deċiżjoni li nieħdu meta nippjanaw attività, naħsbu dwar kif inżommu lit-tfal u lill-adulti sikuri.

Ħarsien addizzjonali

L-attivitajiet online jistgħu jkunu riskjużi, għalhekk inwiegħdu li nagħmlu sforz addizzjonali, pereżempju li nuru biss kontenut adatt għall-età u niżguraw li kulħadd jesprimi ruħu b'mod sikur.

Inklużjoni għal kulħadd

Kull persuna hija importanti. Aħna naħsbu fl-emozzjonijiet li kull logħba jew diskussjoni tista' tqanqal f'kull persuna, biex kulħadd iħossu komdu.

Il-ħażen mhux awtorizzat

Ma nistgħux inkunu aktar ċari dwar dan – ebda kelma baxxa, xejn li jista' jweggħa' lil ħaddieħor. Is-sikurezza u l-benesseri ta' kulħadd huma tabilħaqq importanti.

Rispett u Sikurezza

Kulħadd irid iġib ruħu tajjeb mal-oħrajn, jisma' dak li għandu xi jgħid ħaddieħor, u jiżgura li kulħadd ikun sikur. Jekk xi ħaġa tmur ħażin, aħna ninsabu hawn biex ngħinu.

Għajnuna rapida

Jekk qatt tinqala' problema, it-tim tagħna jaġixxi malajr. Aħna nieħdu dan bis-serjetà u niżguraw li kulħadd jikseb l-għajnuna li jeħtieġ.

IS-SIKUREZZA TAT-TFAL - XI TFISSER U KIF NIŻGURAWHA

Aħna nemmnu li t-tfal taħt it-18-il sena, huma min huma, jistħoqqilhom ikunu protetti. L-età, il-ġeneru, il-kapaċitajiet, il-kultura, ir-razza, ir-reliġjon jew l-identità mhumiex importanti. Ħadd mhu eskluż, ħadd ma jitħalla barra jew jitħalla jibqa' lura.

KLIEM LI GĦANDEK TIFHEM

Biex inkunu ċari, aħna nużaw xi kliem u nixtiequ li kulħadd jifhemu:

Fastidju	Meta l-imġiba ta' xi ħadd, relatata ma' affarijiet bħall-ġeneru jew ir-razza, tagħmel lill-oħrajn skomdi.
Razziżmu	It-trattament ta' persuni b'mod inġust abbażi tal-kulur, il-kultura, jew minn fejn ikunu ġejjin.
Diskriminazzjoni	Trattament inġust minħabba l-età, is-sess, jew id-diżabbiltà.
Bullying	Meta xi ħadd ikun kattiv apposta, biex iweġġa' jew jumilja lil xi ħadd.
Abbuż tat-tfal	Aġir li jweġġa' lit-tfal fiżikament jew psikoloġikament, bħall-abbuż fiżiku jew in-negliġenza.
Invażjoni tal-privatezza	Indħil fil-ħajja personali ta' xi ħadd mingħajr ebda raġuni valida.
Abbuż emozzjonali	Meta xi ħadd iweġġa' s-sentimenti ta' ħaddieħor apposta, u jikkawża sofferenza.
Negliġenza	Meta xi ħadd ma jiħux ħsieb ta' xi ħadd kif suppost, pereżempju ma jipprovdiż biżżejjed ikel jew iħalli lil xi ħadd li għandu bżonn l-għajnuna waħdu.
Sfruttament tat-tfal	Meta xi ħadd iqarraq bit-tfal jew iġegħilhom jagħmlu affarijiet li m'għandhomx jagħmlu, bħal xogħol iebes wisq jew involviment f'xi ħaġa perikoluża.
Tħaddim tat-tfal	Meta xi ħadd iġiegħel lit-tfal jaħdmu jew iwaqqafhom milli jmorru l-iskola.

RWOLI U RESPONSABBILTAJIET

It-tim tas-Segretarjat inġoloq biex kulħadd jinżamm sikur. Niżguraw li dak kollu li tagħmel il-Pjattaforma jkun sikur kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti. Xogħolna huwa li nħarsu lejn kwalunkwe ħaġa li tista' tkun riskjuża, li nisimgħu jekk xi ħadd ikun qed iħossu inkwetat, u li ngħinu lil kulħadd iħossu sikur, kuntent u inkluż.



X'jagħmlu l-Uffiċjali għall-Protezzjoni tat-Tfal?

- Jgħinu fl-ippjanar ta' attivitajiet sikuri għat-tfal.
- Joqogħdu attenti għal kwalunkwe problema jew tħassib dwar is-sikurezza.
- Jisimgħu jekk xi ħadd ikollu lment jew ma jħossux sikur.
- Jaħdmu mal-oħrajn biex isolvu kwalunkwe problema ta' sikurezza.
- Jiżguraw li kulħadd ikun jaf ir-regoli tas-sikurezza.
- Juru lin-nies kif jitkellmu jekk ikun hemm xi ħaġa ħażina.



X'jagħmlu l-Uffiċjali tal-Għoti tas-Setgħa lit-Tfal?

- Jiċċekkjaw li l-attivitajiet qrib tiegħek - bħal intervisti jew diskussjonijiet - ikunu sikuri.
- Jiżguraw li kolloxx ikun sikur qabel ma jingħaqdu t-tfal.
- Jitolbu permess mingħand il-ġenituri biex uliedhom ikunu jistgħu jieħdu sehem.
- Jinformaw lill-adulti fdati jekk xi ħaġa mhix sew.
- Jitgħallmu r-regoli lokali biex jgħinu jżommu lil kulħadd sikur.
- Jaqsmu aġġornamenti dwar l-attivitajiet tal-Pjattaforma mal-bqija tat-tim.
- Jiżguraw li kulħadd ikun jaf kif jitkellem meta tiġri xi ħaġa u jibqa' sikur u kuntent.

X'NAGĦMLU BIEX INŻOMMU LIT-TFAL SIKURI



Pjan għas-sikurezza

Kulħadd fuq il-Pjattaforma tagħna jgħin biex l-affarijiet jinżammu sikuri. Aħna naqsmu l-informazzjoni dwar kif l-aħjar nittrattaw it-tħassib.



Taħriġ għal kulħadd

Aħna ngħallmu lil kulħadd fuq il-Pjattaforma kif kulħadd jibqa' sikur u jsegwi r-regoli.



Divertiment u attivitajiet sikuri DEJEM

Aħna nippjanaw l-attivitajiet filwaqt li nżommu f' moħħna s-sikurezza, sabiex kulħadd ikun jista' jqatta' mument pjaċevoli mingħajr tħassib.



Iċċekkjar u korrezzjoni

It-tim tagħna jaġixxi malajr meta jiġi rrapportat tħassib. Aħna nsolvu l-problemi malajr biex niżguraw li tħossok tajjeb u li l-Pjattaforma tagħna tkun aktar sikura.



Deċiżjonijiet bil-għaġal

Qabel kwalunkwe attività, nistaqsu lit-tfal u lill-ġenituri tagħhom għal permess. Kulħadd għandu jaqbel li jkun sikur.



KIF TIRRAPPORTA PROBLEMA

Aqsam it-thassib tiegħek

Tkellem mal-Uffiċjali għall-Protezzjoni tat-Tfal, mal-Uffiċjali tal-Għoti tas-Setgħa lit-Tfal, jew ma' xi ħadd fit-Tim tas-Segretarjat dwar it-tħassib li jista' jkollok.

Irrispetta l-kunfidenzjalità

Kwalunkwe rapport huwa privat. Aħna naqsmu biss dak li hemm bżonn mal-persuni adegwati biex insolvu l-problema.

Solvi l-problema

Meta jkun hemm tħassib, niċċekkjawh tajjeb, insibu soluzzjoni, u nżommu lil kulħadd infurmat. Dan iżomm l-affarijiet ġusti u ċari.

Tista' wkoll tibgħat email lil cppsafeguarding@icf.com.

KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-ATTIVITAJIET TAGĦNA

Biex jiġi żgurat li kulħadd jiddeverti u jħossu sikur matul l-attivitajiet tal-Pjattaforma, it-tfal u l-adulti kollha iridu iirrispettaw dawn ir-regoli:

- Ġib ruħek mal-oħrajn kif tixtieq li ħaddieħor iġib ruħu miegħek. Kun ċert li dak li tgħid ikun rispettuż u ġentili.
- Ara li tisma' lill-oħrajn u tippermetti spazju għal kulħadd biex jipparteċipa b'mod ugwali. Kulħadd għandu jħossu milqugħ u rispettat huma x'inhuma l-fehmiet, l-opinjoni u l-isfond tiegħu.
- Tkellem bil-mod u b'mod ċar biex kulħadd jifhemek. Ftakar li n-nies jiġu minn pajjiżi differenti u jikkellmu lingwi differenti. M'hemm xejn ta' min li tirrepeti l-informazzjoni importanti.
- Ilbes b'mod xieraq u b'tali mod li tħossok komdu.
- Ibqa' f'kuntatt mal-grupp tiegħek u għarraf lil xi ħadd fejn tinsab waqt l-attivitajiet wiċċ imb wiċċ.
- Ħares l-ambjent u żomm l-inħawi tagħna nodfa. Għinna nżommu l-ispazji tagħna nodfa. Iġbor l-iskart tiegħek u rrispetta l-post, il-lukanda u postijiet oħra li nużaw għall-attivitajiet tal-Pjattaforma.
- Aħseb dwar dak li tippowstja fuq il-media soċjali. Dak li tippowstja, jibqa' hemm għal dejjem. Jekk jogħġbok ftakar li ma tistax tieħu ritratti jew tiffilmja lill-oħrajn mingħajr il-permess tagħhom.
- L-alkoħol u sustanzi illegali u perikolużi mhumiex permessi.
- Jekk għandek mistoqsija, staqsiha.
- Kun minn tassew int! Iddeverti! Agħmel il-ħbieb!



X'tista' tagħmel	X'ma tistax tagħmel:
Uri mgħiba tajba biex tkun ta' eżempju għal kulħadd.	Timminimizzax jew tinjorax ir-riskji.
Tratta lill-oħrajn b'rispett.	M'għandekx għalfejn tagħmel xi ħaġa li tagħmlek skomdu.
Għidilna dak kollu li jdejqek.	Ħadd ma għandu jweġġa' jew jhedded lill-oħrajn.
Tkellem liberament u hu sehem fl-attivitajiet.	Tibgħatx messaġġi privati mingħajr permess.
Kun miftuħ, onest u inkludi lil kulħadd.	L-ebda kelma jew ġest baxx
Tkellem b'mod li kulħadd ikun jista' jifhemek.	L-ebda alkoħol jew sustanza perikoluża.
Kun ċar dwar dak li qed nagħmlu flimkien.	
Għid lill-oħrajn dwar ir-responsabbiltà tagħhom għas-sikurezza.	.L-ebda azzjoni fiżika sakemm ma tkunx meħtieġa biex iżżommok sikur
Dejjem għidilna jekk xi ħaġa tinkwetak.	Tpoġġix lill-oħrajn f'sitwazzjonijiet perikolużi.

